

Brussell, 18 ta' Marzu 2022
(OR. fr, en)

7271/1/22
REV 1

FAO 8
AGRI 103
DEVGEN 50
RELEX 369
FOOD 18
SUSTDEV 61
CONUN 65

NOTA PUNT "I/A"

| | |
|----------|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| fi: | 18 ta' Marzu 2022 |
| Suġġett: | Inizjattiva biex tintalab sessjoni speċjali ta' emerġenza tal-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) biex jiġu diskussi l-konsegwenzi tal-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel u l-agricoltura dinjija — <i>Approvazzjoni</i> |

1. Fir-Riżoluzzjoni A/RES-11/1 adottata fil-11-il sessjoni speċjali ta' emerġenza tat-2 ta' Marzu 2022, l-Assemblea Ġenerali tan-NU esprimiet it-tħassib tagħha dwar is-sitwazzjoni umanitarja dejjem sejra għall-aġġar u l-impatt li s-sitwazzjoni fl-Ukrajna jista' jkollha fuq is-sigurtà tal-ikel fid-dinja, b'mod partikolari fuq il-pajjiżi u l-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli.
2. L-Ukrajna u l-Federazzjoni Russa huma fost il-produtturi ewlenin ta' prodotti agrikoli fid-dinja u dan it-tħassib ġie espress b'mod wiesa' fil-komunità internazzjonali kollha, inkluż mill-Ministri għall-Agricoltura tal-G7 fil-laqgħa straordinarja tagħhom tal-11 ta' Marzu 2022 bil-parteċipazzjoni tal-Ministru għall-Agricoltura tal-Ukrajna u tad-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO).

3. L-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel għal kulħadd jinsab fil-qalba tal-mandat tal-FAO. Huwa importanti ferm li l-membri tal-FAO jivvalutaw l-azzjonijiet li qed twettaq il-FAO biex tindirizza l-impatt negattiv dejjem jikber tal-gwerra fl-Ukrajna fuq il-provvista tal-ikel dinjija, u jkomplu jiggwidaw lid-Direttur Ġenerali tal-FAO sabiex il-FAO tibqa' taqdi bis-sħiħ ir-rwol tagħha f'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali.
4. Skont ir-Regola XXV, paragrafu 1, tar-Regoli Ġenerali tal-FAO, il-Kunsill tal-FAO jista' jitlaqqa' għal sessjoni speċjali ta' emerġenza sabiex jeżamina u jagħti pariri dwar kwalunkwe suġġett li għandu x'jaqsam mas-sitwazzjoni dinjija tal-ikel u tal-agrikoltura, jew li jirriżulta minnha, u dwar kwistjonijiet relatati, b'mod partikolari l-kwistjonijiet kollha ta' natura urġenti. Sabiex titlaqqa' sessjoni straordinarja ta' emerġenza bħal din, għandha ssir talba bil-miktub lid-Direttur Ġenerali minn ħmistax-il Membru jew aktar tal-Kunsill tal-FAO.
5. Fis-17 ta' Marzu 2022, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ikel u Kwistjonijiet Agrikoli Internazzjonali (FAO), abbażi ta' nota mill-Presidenza li tinsab fid-dokument WK 3848/2022 + ADD1, iddiskuta dawn iż-żewġ proposti li ġejjin:
- a) it-talba għal żieda ta' punt addizzjonali fuq l-aġenda tat-33 Konferenza Reġjonali tal-FAO għall-Ewropa (10-13 ta' Mejju 2022, Łódź, il-Polonja), sabiex jiġu indirizzati l-implikazzjonijiet għas-sigurtà tal-ikel u għall-agrikoltura fid-dinja li jirriżultaw mill-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna;
 - b) jitnedew f'Ruma azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni mmexxija mill-Presidenza bil-ħsieb li jinkiseb appoġġ wiesa' interreġjonali fost il-pajjiżi membri tal-FAO sabiex tintalab sessjoni straordinarja tal-Kunsill tal-FAO sabiex jiġu eżaminati l-konsegwenzi tal-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna fuq is-sigurtà tal-ikel u l-agrikoltura fid-dinja, bl-oġettivi li ġejjin:
 - f'konformità mar-Riżoluzzjoni A/RES/ES-11/1 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, jiġi espress tħassib serju dwar l-impatt tal-aggressjoni Russa fuq iż-żieda kontinwa tal-insigurtà tal-ikel fuq livell dinji;
 - issir evalwazzjoni tal-azzjonijiet meħuda s'issa mill-FAO biex tindirizza, skont il-mandat tagħha, il-konsegwenzi tal-konflitt fuq l-agrikoltura u s-sigurtà tal-ikel,
 - jiġi sottolinjat ir-rwol tal-FAO, f'koordinazzjoni mal-entitajiet oħra tan-NU, sabiex, skont il-mandat tagħha, tindirizza il-konsegwenzi tal-konflitt fuq l-agrikoltura u fuq is-sigurtà tal-ikel,

- isir appell lill-FAO biex taġixxi b'mod li jiffoka fuq il-protezzjoni tal-pajjiżi u tal-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli, bil-ħsieb li:
 - jitfassal pjan ta' rispons immedjat biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet tas-sigurtà tal-ikel tal-popolazzjoni Ukrena, fost l-oħrajn dwar kif tinżamm il-kampanja li ġejja u pjan ta' rkupru fuq terminu ta' żmien medju għall-Ukrajna,
 - jitfassal pjan ta' rispons sabiex titwassal l-għajnuna lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw l-aktar milquta mill-impatti ta' dan il-konflitt fuq is-sigurtà tal-ikel tagħhom,
 - id-Direttur Ġenerali tal-FAO jiġi inkarigat isegwi s-sitwazzjoni u l-implikazzjonijiet tagħha fuq is-sigurtà tal-ikel u tal-agrikoltura fid-dinja, inkluż il-prezzijiet tal-ikel, u jagħti rakkomandazzjonijiet, jorganizza sessjonijiet ta' taġħrif kull xahar miftuħa għall-Membri kollha u jirrapporta lill-Kunsill,
 - jiġi deċiż li jiżdied punt fuq l-aġenda għas-sessjoni ordinarja ta' Ġunju 2022.
6. Fil-konklużjoni tagħha tad-diskussjoni, il-Presidenza nnutat l-appoġġ wiesa' tal-Grupp ta' Ħidma għall-proposti ta' hawn fuq u, b'mod partikolari, il-qbil tal-Grupp ta' Ħidma li l-Presidenza u d-Delegazzjoni tal-UE f'Ruma jiġu inkarigati li mill-aktar fis possibbli jibdew azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni f'Ruma sabiex jiksbu l-aktar appoġġ wiesa' interreġjonali fost il-pajjiżi membri tal-FAO sabiex tintalab sessjoni straordinarja ta' emerġenza tal-Kunsill tal-FAO. F'dan ir-rigward, il-Presidenza ħadet l-impenn li malajr kemm jista' jkun tirrapporta lura lill-Grupp ta' Ħidma dwar dawk l-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni.
7. Fit-18 ta' Marzu 2022, ir-rappreżentant permanenti tal-Istati Uniti għall-FAO appella għall-appoġġ tar-rappreżentanti tal-UE u tal-Istati Membri tagħha bbażati f'Ruma tal-abbozz ta' ittra mehmuża ma' din in-nota, bil-għan li d-Direttur Ġenerali tal-FAO jintalab isejjaħ sessjoni speċjali ta' emerġenza tal-Kunsill tal-FAO mill-aktar fis possibbli. Dan l-abbozz ta' ittra li tinkludi fl-anness sensiela ta' azzjonijiet li l-Kunsill tal-FAO għandu japprova waqt is-sessjoni speċjali ta' emerġenza tiegħu, għadu fil-fażi ta' konsultazzjoni mal-pajjiżi l-oħra tal-FAO sabiex jinkiseb l-aktar appoġġ wiesa' possibbli. Għaldaqstant, jistgħu jsiru xi modifiki fil-kontenut tiegħu.
8. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma r-riżultat tad-diskussjoni tal-grupp ta' ħidma dwar il-proposti tal-Presidenza msemmija hawn fuq;

- jirrakkomanda li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss bħala punt A:
 - japprova l-proposta tal-Presidenza għat-talba għal żieda ta' punt addizzjonali fuq l-aġenda tat-33 Konferenza Reġjonali tal-FAO għall-Ewropa (10-13 ta' Mejju 2022, Łódź, il-Polonja), sabiex jiġu eżaminati l-konsegwenzi fuq is-sigurtà tal-ikel u l-agrikoltura fid-dinja minħabba l-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna;
 - japprova l-abbozz ta' ittra li jinsab fl-addendum għal din in-nota; din l-approvazzjoni hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe modifika fl-abbozz li tkun konformi mal-prinċipji u l-elementi li jinsabu fil-paragrafi 5 u 6 ta' din in-nota;
-